**Ruling mogħti mill-iSpeaker Michael Frendo fis-Seduta Nru 357 tal-Ħamis, 2 ta' Ġunju 2011 għar-rigward ta' ruling mitlub mill-Onorevoli Joe Mizzi**

Fis-seduta numru 313 tal-14 ta' Frar 2011 is-Sedja intalbet taghti ruling mill-Onorevoli Joe Mizzi jekk Assistent Parlamentari jistax jagħmel mistoqsijiet supplementari lill-Ministru tal-Finanzi dwar materji li jkunu jolqtu d-dikasteri kollha.

Il-fatti tal-każ kienu hekk:

Fil-ħin tal-Interpellanzi saret l-Interpellanza Parlamentari numru 21377 indirizzata lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment mill-Onorevoli Noel Farrugia li kienet tgħid hekk:

"Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsijiet parlamentari 21142 u 20540 u jgħid kemm-il numru ta' direct orders approva l-Ministeru tal-Finanzi, ministeru ministeru, matul l-ewwel disa' xhur tas-sena 2010? Kemm kien l-ammont tal-ogħla direct order approvata abbażi ta' ministeru? Kemm fl-istess perjodu ġew miċħuda u kemm għadhom taħt il-proċess tal-evalwazzjoni?"

Wara li ngħatat it-tweġiba, l-Onorevoli Philip Mifsud, li huwa wkoll Assistent Parlamentari, għamel interpellanza supplimentari dwar din l-istess mistoqsija fejn staqsa "jekk dawn in-nies li jkunu ngħataw kuntratt, kemm b'direct order kif ukoll permezz ta' tender, u jirriżulta li jkunu għamlu xogħol li huwa inaċċettabbli u li ma jilħaqx il-livell mixtieq, jistgħux jerġgħu jingħataw xi forma ta' xogħol ieħor".

Wara li ngħatat it-tweġiba, l-Onorevoli Joe Mizzi staqsa lis-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi, li kien qed iwieġeb għan-nom tal-Ministru Fenech, jekk fehemx il-mistoqsija supplimentari li kienet qed tirreferi għad-dekasteri kollha li għandu l-gvern, u wara numru ta' tweġibiet u mistoqsijiet supplimentari, talab ruling li la darba din il-mistoqsija rreferiet għad-dikasteri kollha, din il-mistoqsija ma setgħetx issir mill-Assistent Parlamentari Philip Mifsud u talab jekk "huwiex out of order min għamel il-mistoqsija supplimentari u jekk hemmx konflitt ta' interess".

L-Onorevoli Tonio Borg argumenta li ma jistgħux isiru mistoqsijiet minn membri tal-Eżekuttiv lil membri oħra tal-Eżekuttiv imma li assistent parlamentari "mhuwiex parti mill-Eżekuttiv u allura jista' jagħmel mistoqsijiet kemm irid, anke fuq il-kwestjonijiet kollha li għandu."

L-Onorevoli Joe Mizzi rreplika li "fil-kwestjoni tal-assistent parlamentari, l-ewwel nett wieħed irid jiċċekkja jekk dan hux qed jieħu xi onorarja aktar milli suppost, jekk hux mill-Parlament jew hux qed jieħu xi ħlas mill-ministeri, ma nafx, wieħed irid jara. Jekk qed jieħu ħlas mill-ministeri aktar u aktar hija ċara u tonda li hemm konflitt ta' interess, jekk hemm xi għajnuna mill-ministeri aktar u aktar hemm konflitt ta' interess ukoll. Allura jien għalhekk tlabt ruling."

Is-Sedja tagħmel qabel xejn riferenza għar-ruling tagħha stess mogħti fis-Seduta 322 tat-Tnejn, 7 ta' Marzu 2011 fejn ittrattat estensivament il-figura tal-Assistent Parlamentari u għamlet diversi kummenti u osservazzjonijiet u konklużjonijiet dwar din l-istess figura u l-operat tagħha. Hija tagħmel riferenza għall-argumentazzjoni tagħha f'dak il-każ u filwaqt li

tassumih ukoll għal din id-deċiżjoni, terġa' ttenni wkoll dawn il-kliem fl-aħħar parti ta' dik ir-ruling ta' Marzu 2011:

"Għalhekk jidher ċar għas-Sedja li n-natura tal-Assistent Parlamentari, irrispettivament minn jekk ikollux remunerazzjoni jew le, hija konformi ma' dik tal-Parliamentary Private Secretary fir-Renju Unit u, konsonanti mal-Ordni Permanenti 197, hija l-esperjenza tal-House of Commons li għandha tiggwidana hawnhekk.

Bħalma jiġri fl-istess House of Commons, il-Kodiċi tal-Etika adottat fl-istess waqt tal-ħatra ta' Assistenti Parlamentari f'Malta jagħmilha ċara li Assistent Parlamentari m'għandux jagħmel mistoqsija parlamentari dwar il-Ministeru li miegħu huwa marbut. Dan il-Kodiċi ta' Etika tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u huwa redatt bħala estensjoni tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari maħruġ mill-Kabinett tal-Ministri. Għalhekk huwa ċar li l-prinċipji li huma applikati fil-House of Commons għal Parliamentary Private Secretary huma applikabbli wkoll f'pajjiżna għall-Assistent Parlamentari, u ċioè, li dan jibqagħlu l-fakultajiet kollha li għandu kull Membru Parlamentari imma skond il-Kodiċi ta' Etika (Dokument 4270 mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra) huwa "m'għandux jagħmel stqarrijiet u mistoqsijiet fil-Kamra dwar materji marbuta mal-Ministeru fejn ikun qed iservi"".

Għalhekk, in vista ta' dan, ma jreġix l-argument imressaq mill-Onorevoli Tonio Borg li la Parliamentary Assistant mhuwiex parti mill-Eżekuttiv jista' jagħmel mistoqsijiet kemm irid, anke fuq il-kwestjonijiet kollha li għandu." Din il-libertà tal-Assistent Parlamentari hija ċirkostretta mill-Kodiċi ta' Etika li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u jgħid li "m'għandux jagħmel stqarrijiet u mistoqsijiet fil-Kamra dwar materji marbuta mal-Ministeru fejn ikun qed iservi", anki jekk irid jingħad li dak il-Kodiċi ta' Etika redatt bħala estensjoni tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari maħruġ mill-Kabinett tal-Ministri sal-lum mhuwiex inkorporat fl-Ordinanza dwar il-Privileggi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap 113, bħalma huwa inkorporat dak dwar il-Membri Parlamentari.

Għalhekk, fil-qafas ta' dan, irid jiġi konstatat jekk il-kliem "m'għandux jagħmel stqarrijiet u mistoqsijiet fil-Kamra dwar materji marbuta mal-Ministeru fejn ikun qed iservi" japplikax ukoll għal fatti ta' dan il-każ speċifiku kif qed jasserixxi l-Onorevoli Joe Mizzi.

Is-Sedja kkonstatat mill-ewwel li hawnhekk qed nitkellmu fuq Kodiċi ta' Etika li għandu natura speċifika tiegħu u inoltre fuq Kodiċi ta' Etika li mhuwiex lanqas biss inkorporat fl-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap 113.

Din iżda hija wkoll il-prassi fil-House of Commons kif is-Sedja kellha l-okkażjoni li tistqarr fir-Ruling tagħha fis-Seduta 322, liema prassi hija għamlet riferenza għaliha ai termini tal-artikolu 197 tal-Ordnijiet Permanenti.

Indipendentement minn dan il-punt, li jinżamm ferm, is-Sedja rat u kkonsidrat in-natura tal-mistoqsija li saret u n-natura tal-mistoqsija supplimentari li għamel l-Onorevoli Philip Mifsud u tikkonkludi li, f'dan il-każ partikolari, fil-fattispecie partikolari kollha tiegħu, din il-mistoqsija supplimentari kienet ġenerika u li b'mod oblikwu biss kienet tirrigwarda l-Ministeru li miegħu, l-Onor Mifsud, huwa marbut fil-funzjoni tiegħu ta' Assistent Parlamentari.